MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 423/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dennis Theuma)**
**Vs**
**Salvino Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-gżejjer ġewwa l-Qawra fl-10 ta’ Frar 2005 u matul l-aħħar jiem qabel din id-data:

1. Assoċja ruħu ma’ xi persuna jew persuni oħra f’dawn il-gżejjer jew barra minn dwn il-gżejjer sabeix ibiegħ jew jittraffika mediċina (kokaina) f’dawn il-Gżejjer kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta) jew li ppromwova, kkostitwixxa, jew organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni.

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta), lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir- Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39), kif sussegwentement emendati, w bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall- esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta' Malta awtorizzat li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar- Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39), kif sussegwentement emendati, w bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta); liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h) u 41(1)(a) tal-Kap. 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(1)(f), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B), 22(5) u 29 tal-kap. 101 u r-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, illiberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni waqt li sabitu hati tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni, bit-tielet imputazzjoni assorbita fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9., u kkundannatu ghal hdax il-xahar prigunerija w ghall-hlas ta’ multa ta’ €1700. Il-multa tista’ titħallas b’rati ta’ 100 Ewro kull xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jrid jitħallas f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

Peress li din l-inkjesta saret qabel is-16 ta’ Jannar 2006, il-Qorti ma kkundannatx lill-appellant iħallas l-ispejjeż tal-esperti.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma d-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti meta lliberat lill-appellant mill-ewwel akkuza, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza dwar traffikar tad-droga kokaina w tikkonferma l-htija fuq it-tielet imputazzjoni dwar li l-pussess ma kienx juri li kien ghall-uzu esklussiv ta’ l-appellant u tirriforma dik il-parti tas-sentenza dwar il-piena fejn il-Qorti ghandha tapplika piena ta’ prigunerija w multa li jkunu inqas minn dawk inflitti mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti :-
Illi t-tieni imputazzjoni dik li hu forna jew ipprokura, l-appellant eskluda li huwa prova jbiegh l-istess droga w li ghalhekk il-Qorti kellha taghti pis ix-xhieda tieghu meta kkummentat fuq il-fatt illi “huwa cempel lil Jason halli jigi ghalihom” u dan minghajr pregudizzju ghat-tielet akkuza li certament mhux se jkun hemm aggravju fuqha ghaliex tirrizulta li l-pussess kien b’tali cirkostanzi li juri li ma kienetx ghall-uzu esklussiv ta’ l-appellant;
Illi l-piena li l-Qorti tat lill-appellant meta applikat piena karcerarja ta’ hdax-il xahar prigunerija w hlas ta’ multa ta’ €1700 meta l-appellant ihoss illi tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll il-koperazzjoni shiha ta’ l-appellant mal-Pulizija anke fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll fi stadju gudizzjarju w dan li jinkludi l-istadju ta’ meta kien hemm l-inkjesta Magisterjali, kellha tigi nflitta piena ta’ ftit aktar minn sitt xhur prigunerija w hlas ta’ multa ridotta mill-ammont indikat ta’ €1700 meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-

konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tistabilixxi jekk l-Ewwel Qorti setghetx, fuq il-provi li tressqu, tikkonkludi legalment u ragjonevolment li l-appellant kien hati tat-tieni imputazzjoni.

Illi l-Ewwel Qorti, fl-apprezzament li ghamlet, qieset fid-dettall ic-cirkostanzi kollha li rrizultaw u senjatament fejn l-appellant qal li fil-jum ta' qabel kien ha cans biex igb flusu lura. Di fatti kien ftiehem ma certu Jason li allegatament kien midjun mal-appellant sabiex hu jghaddilu d-droga lil dan Jason li umbaghad kellu jbieghha sabiex mir-rikavat dan Jason ikun jista' jhallas parti mid-dejn li kellu versu l-appellant. Hu in effetti kien cempel lil dan Jason biex jigi ghad-droga li hu kien heba' fil-but tal-glekk wara li kien ukoll qabad zewg pakketti w beda jzidilhom il-*baking powder*. Il-pjan pero gie sfrattat bl-intervent tal-Pulizija. Fuq dawn il-fatti l-Ewwel Qorti kkonkludiet gustament li kien hemm tentattiv ta' biegh ta' droga ai termini tal-artikolu 41 (1) (a) tal-Kap. 9.

Umbaghad irriteniet korrettement ukoll li a tenur tal-artikolu 22 (5) tal-Kap. 101, it-tentattiv ta' traffikar ta' droga huwa punit bl-istess mod daqs kieku jkun twettaq ir-reat. Dan ghaliex :

*"Kull min jittenta jaghmel reat kontra din l-Ordinanza, jew ihajjar jew igieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat, jehel, meta jinsab hati, minghajr pregudizzju ta' kull responsabbilta' ohra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku ikkommetta reat taht din l-Ordinanza".*

Din il-Qorti ma ssib xejn assolutament x’ ticcensura fir-ragunament tal-Ewwel Qorti, la mil-lat fattwali u lanqas fil-konsiderazzjonijiet guridici li ghamlet fir-rigward. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi l-appellant qed jissokkombi ghad-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni ta pussess tad-droga inkriminata f’ cirkostanzi tali li jindikaw li dik id-droga ma kienetx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. L-Ewwel Qorti kienet irriteniet ukoll korrettement li din it-tielet imputazzjoni ghall-fini tal-piena hija assorbita fit-tieni imputazzjoni ta’ traffikar skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9.

B’dana kollu l-appellant qed jappella ukoll mill-piena erogata ghax qed jikkontendi li din hija wahda eccessiva. Issa l-principju regolatur dejjem jibqa’ li din il-Qorti ma tiddisturbax  id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament wahda esagerata fic-cirkostanzi. Certament li dan mhux il-kaz fejn il-massimu tal-piena huwa dak ta’ ghaxar snin prigunerija kemm fil-kaz tat-tieni kif ukoll fil-kaz tat-tielet imputazzjoni li pero’, kif intqal, qed tigi assorbita fit-tieni imputazzjoni ghall-fini tal-piena.

L-Ewwel Qorti, fl-erogazzjoni tal-piena, hadet in konsiderazzjoni wkoll li kellu jigi applikat favur l-appellant l-artikolu 29 tal-Kap.101 u dan b’ zewg gradi. Mill-banda l-ohra pero’ qieset il-kondotta tal-appellant li ma kienetx wahda nadifa. Fil-fatt jirrizulta li l-appellant - apparti reati kontravvenzjonali - kien diga’ nstab hati ta’ pussess tad-droga kokaina f’ Jannar 1999 u x-xhur ta’ qabel u dan b’ sentenza tal-14 ta’  Frar, 2006.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm xi raguni impellenti jew kogenti biex tirriduci l-piena.

Ghal dawn il-motivi, qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------